



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-13 ta' Diċembru 2017

Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali: saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, irid isir aktar xogħol biex pajjiżi jingħataw l-għajnuna li jeħtieġu sabiex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru mill-osservaturi elettorali tal-UE. L-awdituri jgħidu li f'dawn l-aħħar snin, sar titjib fil-mod ta' kif ir-rakkomandazzjonijiet qed jiġu ppreżentati, iżda jeħtieġ li waqt li jkunu qed jitħejjew, ikun hemm aktar konsultazzjoni mal-partijiet interessati fuq il-post.

Mingħajr ma jindaħlu fl-organizzazzjoni tal-elezzjoni nfisha, l-osservaturi elettorali tal-UE jiġbru u janalizzaw fatti dwar il-proċess elettorali u jipprovdu valutazzjoni indipendenti. Xahrejn wara Jum l-Elezzjoni, huma joħorġu rapport komprensiv li jkun fih rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jsir titjib fil-qafas għal elezzjonijiet futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet ikopru varjetà ta' kwistjonijiet, mir-reġistrazzjoni tal-votanti sal-vjolenza elettorali. Dawn jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti, li mhumiex marbutin formalment li jimplimentawhom.

L-awdituri eżaminaw jekk is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni Ewropea kinux ipprovdew biżżejjed appoġġ biex il-pajjiżi ospitanti jkunu jistgħu jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-missjonijiet ta' osservazzjoni fil-Ghana, fil-Ġordan, fin-Niġerja u fis-Sri Lanka. Huma ffukaw fuq l-elezzjonijiet li ġew osservati wara l-2010.

"Huwa essenzjali li jingħata segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet biex l-impatt tal-osservazzjoni elettorali jkun massimizzat," qal Ville Itälä, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Jekk pajjiż ospitanti ma jindirizzax in-nuqqasijiet fis-sistema elettorali, ikun hemm riskju li d-dgħufijiet jibqgħu preżenti u saħansitra anke jiżdiedu qabel elezzjonijiet oħra fil-futur".

L-awdituri sabu li s-SEAE u l-Kummissjoni kienu għamli sforzi raġonevoli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tjebet fi snin reċenti, iżda jeħtieġ li jkun hemm aktar konsultazzjoni fuq il-post. Is-SEAE u l-Kummissjoni kienu involuti fi djalogu politiku u pprovdew assistenza elettorali biex jipprovdu appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, iżda l-missjonijiet ta' segwitu ma jintużawx ta' spiss biżżejjed. Bħala l-aħħar punt, l-awdituri jirrimarkaw li la teżisti stampa ġenerali ċentralizzata tar-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

eca.europa.eu

rakkomandazzjonijiet, u lanqas ma ssir xi valutazzjoni sistematika tal-implimentazzjoni tagħhom.

L-ispiża tal-missjonijiet ta' osservazzjoni tvarja sinifikattivament skont iċ-ċirkustanzi. Madankollu, ibbażat fuq iċ-ċifri l-aktar reċenti li huma disponibbli, l-ispiża medja hija ta' EUR 3.5 miljun. Bejn l-2015 u l-2017, il-baġit għall-osservazzjoni elettoralis ammonta għal medja ta' madwar EUR 44 miljun kull sena.

L-awdituri jirrakkomandaw li s-SEAE:

- jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet isegwu l-linji gwida u l-mudell għall-abbozzar;
- jiżgura li t-tim inkarigat mill-missjonijiet jikkonsulta l-partijiet interessati fil-pajjiż ospitanti dwar ir-rakkomandazzjonijiet qabel ma r-rapport jiġi ffinalizzat;
- jiżgura li d-diskussjoni madwar mejda mal-partijiet interessati ma tiġix skedata aktar kmieni minn erbat ijiem ta' xogħol wara li jinħareġ ir-rapport;
- meta possibbli, jibgħat missjonijiet ta' segwitu fil-pajjiżi li jkunu ospitaw missjonijiet ta' osservazzjoni;
- jistabilixxi depożitarju ċentralizzat għar-rakkomandazzjonijiet u jittiraċċa l-progress li jkun qed isir fl-implimentazzjoni tagħhom.

Noti lill-Edituri

L-osservazzjoni elettoralis hija għodda importanti għall-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Elezzjonijiet li jkunu mmaniġġjati tajjeb jistgħu jikkontribwixxu għat-trasferiment paċifiku tas-setgħa politika. Minn meta l-metodoloġija ta' osservazzjoni elettoralis ġiet stabbilita fis-sena 2000, l-UE baġtet 138 missjoni ta' osservazzjoni elettoralis f'66 pajjiż fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Amerika Latina. Kważi nofs il-missjonijiet isiru fl-Afrika.

Il-missjonijiet ta' osservazzjoni ikunu normalment immexxija minn Membru tal-Parlament Ewropew, li jinħatar mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u li jaġixxi bħala Osservatur Kap għall-missjoni. L-osservaturi huma obbligati jkunu strettament imparzjali u ma juru l-ebda preġudizzju lejn naħa jew oħra fil-proċess elettoralis.

Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2017: "Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali – saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.